**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net

**IL-ĦADD, 11.9.11: L-ERBGĦA U GĦOXRIN ĦADD TA' MATUL IS-SENA.**
Il-ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għar-restawri.
**IT-TLIETA, 13.9.11 :** Tifkira tad-Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.
Fis-7.00p.m. quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet ta' Fatima u li tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.
**L-ERBGĦA, 14.9.11: FESTA TAS-SALIB IMQADDES.**
**IL-ĦAMIS, 15.9.11: TIFKIRA TAL-VERĠNI MQADDSA TAD-DULURI.**
Fis-7.00p.m. quddiesa bl-omelija dwar id-duluri ta' Marija Santissima.
Xieraq li f'dawn iż-żewġ festi għeżież nieħdu sehem fil-quddiesa.
**IIL-ĠIMGĦA, 16.9.11: FESTA TAL-ANNIVERSARJU TAT-TWAQQIF TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX.**
**IL-ĦADD, 18.9.11: IL-ĦAMSA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA**

## ĠIMGĦA TA' SPIRITWALITA'

Il-Parroċċa qed tħejji biex tibda s-Sena tal-Pastorali b'ġimgħa speċjali bħalma soltu nagħmlu fl-aħħar ġimgħat ta' Settembru. Din il-Ġimgħa nsejħulha Gimgħa ta' Spiritwalita'.
Il-ġranet se jkunu bejn id-19 u l-24 ta' Settembru.
Tkun quddiem il-Museum u jkun hemm post bilqegħda għal kulħadd.
ZOMM DAWN IL-ĠRANET F'MOĦĦOK

## ASSEMBLEA DJOĊESANA

Nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru se ssir l-Assemblea Djoċesana, li fiha jiltaqgħu dawn kollha li huma nvoluti fil-ħidma pastorali fil-parroċċi.
Għalhekk, inħeġġu lill-membri kollha tal-kunsill parrokkjali, u tal-kummissjonijiet jew li b'xi mod jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-parroċċa biex jieħdu sehem f'din l-assemblea li fiha se jingħata tagħrif dwar il-Pjan Pastorali għal din is-sena.
Din l-Assemblea se tkun fl-Oratorju Don Bosco u tibda fis-6.30p.m.

## IRTIR GĦAS-SAĊERDOTI

Matul din il-Ġimgħa, bejn 12 u is-16 ta' settembru se jinżamm irtir għall-grupp ta' saċerdoti mid-djoċesi tagħna f'Dar Manresa. Ma dan il-grupp hemm ukoll xi saċerdoti mill-parroċċa tagħna.
Għalhekk nixtieq nirrikmanda ħafna lil dawn is-saċerdoti fit-talb tagħna f'dawn il-ġranet.

## ĠABRA

Il-ġabra li saret nhar il-Ħadd, 28 ta' Awissu waqt il-quddiesa ċċelerbata minn Dun Gużepp Camilleri, missjunarju fil-Gwatemala, kienet is-somma ta' €310, li marret għall-missjoni ta' l-istess Dun Guzepp Camilleri fil-Gwatemala.
Grazzi tal-offerti tagħkom.

## SEMINARISTA FIL-PARROĊĊA

Wara s-servizz li ta s-Seminarista Joseph Attard f'dawn l-aħħar sentejn, u li issa qiegħed l-Armerika għas-sena barra, Issa se jkollna magħna għas-sentejn li ġejjin lis-Seminarista Michael Grima mill-parroċċa ta' San Lawrenz. Huwa diġa kellu diversi laqgħat maż-żgħażagħ tagħna fiċ-Ċentru Parrokkjali. Nawgurawlu ħidma fejjieda fil-parroċċa tagħna.